



EUROPEAN COMMISSION

Directorate-General for Internal Market, Industry, Entrepreneurship and SMEs

Single Market Enforcement

Notification of Regulatory Barriers

In-Numru tan-Notifika : 2024/0042/BE (Belgium)

Abbozz preliminari ta' Ordni li temenda l-Ordni tal-14 ta' Ġunju 2012 dwar l-iskart

Data tal-wasla : 25/01/2024

Tmiem tal-Waqfien : 26/04/2024

Message

Messaġġ 001

Komunika mill-Kummissjoni - TRIS/(2024) 0231

Direttiva (UE) 2015/1535

Notifika: 2024/0042/BE

Notifika ta' abbozz ta' test minn Stat Membru

Notification – Notificación – Notifizierung – Нотификация – Oznámení – Notifikation – Γνωστοποίηση – Notificación – Teavitamine – Ilmoitus – Obavijest – Bejelentés – Notifica – Pranešimas – Paziņojums – Notifika – Kennisgeving – Zawiadomienie – Notificação – Notificare – Oznámenie – Obvestilo – Anmälan – Fógra a thabhairt

Does not open the delays - N'ouvre pas de délai - Kein Fristbeginn - Не се предвижда период на прекъсване - Nezahajuje prodlení - Fristerne indledes ikke - Καμία έναρξη προθεσμίας - No abre el plazo - Viivituste perioodi ei avata - Määräaika ei ala tästä - Ne otvara razdoblje kašnjenja - Nem nyitja meg a késéset - Non fa decorrere la mora - Atidējimai nepradedami - Atlikšanas laikposms nesākas - Ma jiftaħ il-perijodi ta' dewmien - Geen termijnbegin - Nie otwiera opóźnień - Não inicia o prazo - Nu deschide perioadele de stagnare - Nezačína oneskorenia - Ne uvaja zamud - Inleder ingen frist - Ní osclaíonn sé na moilleanna

MSG: 20240231.MT

1. MSG 001 IND 2024 0042 BE MT 25-01-2024 BE NOTIF

2. Belgium

3A. SPF Economie, PME, Classes moyennes et Energie

Direction générale Qualité et Sécurité - Service Bureau de Liaison - BELNotif

NG III - 2ème étage

Boulevard du Roi Albert II, 16

B - 1000 Bruxelles

Tel: 02/277.53.36

be.belnotif@economie.fgov.be

3B. Bruxelles Environnement

Département Ressources & Déchets

Service REP et réglementation

Ministre du Gouvernement de la Région de Bruxelles-Capitale, chargé de la Transition climatique, de l'Environnement, de l'Énergie, de la Propreté publique, de la Démocratie participative, de la Santé et de l'Action sociale



EUROPEAN COMMISSION

Directorate-General for Internal Market, Industry, Entrepreneurship and SMEs
Single Market Enforcement
Notification of Regulatory Barriers

4. 2024/0042/BE - C00A - Agrikoltura, Sajd u Oġġetti tal-Ikel

5. Abbozz preliminari ta' Ordni li temenda l-Ordni tal-14 ta' Ġunju 2012 dwar l-iskart

6. L-abbozz jikkonċerna, minn naħa waħda, l-obbligu li l-ikel mhux mibjugħ jiġi donat u, min-naħa l-oħra, l-awtorizzazzjoni għall-Gvern tar-Reġjun ta' Brussell-Kapitali biex jadotta stiker Oui-pub għal materjal ta' reklamar stampat

7.

8. L-abbozz preliminari għandu l-għan, minn naħa waħda, li jsaħħaħ il-prevenzjoni tal-iskart iżda wkoll li jissimplifika l-proċeduri amministrattivi għall-kumpaniji involuti f'ċerti operazzjonijiet ta' rkupru tal-iskart. Saru tliet emendi sostanzjali għall-Ordni tal-14 ta' Ġunju 2012 dwar l-iskart.

L-ewwel waħda għandha l-għan li tnaqqas il-ħela tal-ikel fis-supermarkets u fl-istess ħin tappoġġja l-assoċjazzjonijiet attivi fl-għajjuna alimentari. Il-miżura tikkonsisti fil-ħtieġa li ċerti supermarkets jagħtu l-ikel mhux mibjugħ tagħhom lill-organizzazzjonijiet tal-karità l-ewwel u qabel kollox, u mbagħad lill-kumpaniji li jipproċessaw dan l-ikel mhux mibjugħ jew lil atturi oħra definiti mill-Gvern.

It-tieni emenda hija maħsuba sabiex tagħti s-setgħa lill-Gvern li jipprojbixxi d-distribuzzjoni ta' pubblikazzjonijiet li jiġġeneraw il-karti, il-kartun jew l-iskart tal-plastik u li joħolqu problema għall-indafa pubblika. Hija tagħti s-setgħa lill-Gvern sabiex jispeċifika t-termini u l-kundizzjonijiet ta' din il-projbizzjoni, biex jiddefinixxi t-tip u l-karatteristiċi tal-pubblikazzjonijiet soġġetti għal din il-projbizzjoni kif ukoll il-metodu u l-post tad-distribuzzjoni jew l-abbandun tagħhom. Din l-awtorizzazzjoni żżomm is-sistema "Stop Pub" iżda tipprevedi wkoll il-possibbiltà li l-Gvern ireġġa' lura l-loġika tagħha: tipprojbixxi d-distribuzzjoni ta' informazzjoni għall-istampa u r-reklamar b'xejn fil-kaxxi postali, sakemm ma titwaħħalx stiker "Oui Pub" volontarjament.

Fl-aħħar nett, it-tielet emenda għandha l-għan li tinkorpora fir-regolamenti l-konklużjonijiet ta' studju mwettaq fir-Reġjun ta' Brussell-Kapitali dwar l-istatus tal-prodotti, l-iskart, il-prodotti sekondarji u t-tmiem tal-istatus tal-iskart. Bl-għan li tiġi żviluppata l-ekonomija ċirkolari u jitnaqqsu l-piżijiet amministrattivi, il-miżura tipprevedi l-għoti tas-setgħa lill-Gvern sabiex jeżenta mill-permessi jew dikjarazzjonijiet ambjentali ċerti faċilitajiet tat-trattament tal-iskart li, permezz tal-operazzjonijiet ta' rkupru tagħhom, jirrestawraw l-iskart għall-istatus tal-prodott jew, b'mod aktar preċiż, għat-"Tmiem tal-Istatus ta' Skart".

9. L-immaniġġjar tal-iskart jinvolvi, fuq kollox, prevenzjoni akbar tal-ġenerazzjoni tal-iskart. Huwa biss billi naġixxu fis-sors tad-distribuzzjoni tal-oġġetti li nistgħu nnaqqsu l-produzzjoni tal-iskart. Dan huwa l-għan ta' din l-emenda għall-Ordni tal-14 ta' Ġunju 2012 dwar l-iskart (minn hawn 'il quddiem "ODE").

Billi l-ikel mhux mibjugħ nagħtuh donazzjoni, nistgħu nipprevjenuh milli jinħela u jintrema, filwaqt li fl-istess ħin ngħinu lil dawk l-aktar żvantaġġati.

Billi nagħmluha possibbli li d-distribuzzjoni tal-pubblikazzjonijiet jiġu ppakkjati fil-kaxxi tal-ittri tar-residenti ta' Brussell, inwaqqfuhom milli jintefgħu direttament fil-landa taż-żibel.

Barra minn hekk, sabiex il-kumpaniji jkunu jistgħu jiżviluppaw f'konformità mal-ekonomija ċirkolari, huwa essenzjali li l-proċeduri amministrattivi jsiru aktar faċli għalihom. Għalhekk, kumpaniji li jiżviluppaw proċessi ta' rkupru sabiex jittrasformaw l-iskart fi prodott ġdid għandhom jiġu eżentati milli japplikaw għal permess ambjentali f'ċerti każijiet definiti mill-Gvern.

Għalhekk, illum, jekk inqisu l-emissjonijiet iġġenerati matul iċ-ċiklu tal-prodott (il-produzzjoni, l-ipproċessar, id-distribuzzjoni, eċċ.), l-iskart globali tal-ikel jammonta għal 24 % sa 37 % tal-impronta globali tal-gassijiet b'effett ta' serra tal-ikel (FAO, n.d.). F'termini ambjentali, jekk il-ħela tal-ikel kellha tkun pajjiż, din tkun it-tielet l-akbar emittent ta' gassijiet b'effett ta' serra fid-dinja.

Il-ħela tal-ikel twassal għat-telf ta' aktar minn terz tal-provvista tal-ikel tagħna u tikkontribwixxi b'mod sinifikanti għat-tibdil fil-klima. Għalhekk, il-ħela tal-ikel hija kwistjoni ewlenija.

Sadanittant, is-settur tal-għajjuna alimentari jiddependi ħafna fuq ikel mhux mibjugħ u ma jistax jissodisfa d-domanda



EUROPEAN COMMISSION

Directorate-General for Internal Market, Industry, Entrepreneurship and SMEs
Single Market Enforcement
Notification of Regulatory Barriers

dejjem tikber għall-ikel. Għalhekk, fir-reġjun ta' Brussell biss, skont il-Federazzjoni tas-Servizzi Soċjali, kważi 70,000 persuna jiddependu fuq l-għajnuna alimentari.

It-titjib tal-kapaċità tal-assoċjazzjonijiet attivi fl-għajnuna alimentari biex jaqbd u ikel mhux mibjugħ ċertament mhux ser isolvi s-sitwazzjonijiet ta' faqar li jgħiegħu lin-nies jirrikorru għall-għajnuna alimentari. Madankollu, sakemm ikun hemm il-ħtiġijiet, huwa assolutament meħtieġ li jiġi appoġġjat is-settur tal-għajnuna alimentari u li jiġi ffaċilitat ix-xogħol ta' kuljum tiegħu.

Din l-emenda għall-Ordni dwar l-iskart hija għalhekk xprunata mill-ambizzjoni li jitnaqqas l-iskart fi tmiem il-katina sabiex tiġi evitata l-ġenerazzjoni tal-iskart filwaqt li fl-istess ħin tittejjeb il-provvista lill-assoċjazzjonijiet tal-għajnuna alimentari fi spirtu ta' solidarjetà.

Hija wkoll opportunità għall-bejjiegħa bl-imnut il-kbar biex juru l-impenn tagħhom għas-solarjetà u l-ambjent. Għalhekk, din l-emenda ssaħħaħ il-miżura prevista inizjalment fl-Ordni dwar l-iskart, li sempliċement ħeġġet id-donazzjonijiet tal-ikel u forom oħra ta' ridistribuzzjoni għall-konsum mill-bniedem.

Il-proposta hija li s-supermarkets immirati jintalbu jaqbtu l-ikel mhux mibjugħ tagħhom bħala donazzjoni lill-organizzazzjonijiet tal-karità u lil kwalunkwe korp ieħor magħżul mill-Gvern li għandu l-għan li jipproċessa jew jikkonsma dan l-ikel mhux mibjugħ biex tiġi evitata l-ħela tal-ikel, fuq bażi prijoritizzata. Għalhekk huwa propost li dawn id-donazzjonijiet jiġu allokati fuq bażi prijoritarja lil dawk involuti fis-settur tal-għajnuna alimentari, imbagħad lil kumpaniji u organizzazzjonijiet oħra li joffru ikel mhux mibjugħ għall-konsum mill-bniedem wara l-ipproċessar, u fl-aħħar nett lil kumpaniji u organizzazzjonijiet oħra li joffru ikel mhux mibjugħ għall-konsum mill-bniedem mingħajr ipproċessar.

Barra minn hekk, din il-miżura tirrispetta l-ġerarkija tal-iskart stabbilita mid-Direttiva 2008/98/KE dwar l-iskart, li tistabbilixxi ordni ta' mertu għall-leġiżlazzjoni u l-politiki dwar il-prevenzjoni u l-ġestjoni tal-iskart. Dan il-kunċett ta' ġerarkija huwa l-pedament tal-politiki u l-leġiżlazzjoni Ewropej dwar l-iskart u l-għan tiegħu huwa doppju:

- jimminimizza l-impatt negattiv tal-produzzjoni u l-immaniġġjar tal-iskart; u
- jagħmel użu aktar effiċjenti tar-riżorsi.

Din il-ġerarkija tal-iskart ġiet trasposta fl-Ordni dwar l-iskart tal-14 ta' Ġunju 2012, fl-Artikolu 6.

It-tieni emenda għall-Ordni tal-14 ta' Ġunju 2012 msemmija hawn fuq tagħti s-setgħa lill-Gvern biex jeżenta minn permessi jew dikjarazzjonijiet ambjentali ċerti faċilitajiet tat-trattament tal-iskart li, permezz tal-operazzjonijiet ta' rkupru tagħhom, jirritornaw l-iskart għall-istatus ta' prodott jew, b'mod aktar preċiż, għat-"Tmiem tal-Istatus ta' Skart".

Din il-modifika tal-ODE hija meħtieġa sabiex sussegwentement tiġi emendata l-Brudalex (l-Ordni tal-1 ta' Diċembru 2016 dwar il-ġestjoni tal-iskart) billi jiżdedu magħha l-proċeduri konkreti għall-għoti ta' dan it-Tmiem tal-Istatus ta' Skart iżda wkoll il-proċeduri għall-użu mill-ġdid u l-prodotti sekondarji.

Barra minn hekk, hija maħsuba sabiex tikkriminalizza n-nuqqas ta' konformità mal-Artikoli 8 u 9 tal-Ordni dwar l-iskart, li jittrattaw il-kunċett ta' prodott sekondarju u t-Tmiem tal-Istatus ta' Skart - sabiex jiġi żgurat livell għoli ta' protezzjoni ambjentali.

It-tielet emenda għall-Ordni dwar l-iskart tagħti s-setgħa lill-Gvern li jipprojbixxi d-distribuzzjoni ta' pubblikazzjonijiet li jiġġeneraw il-karti, il-kartun jew l-iskart tal-plastik u joħolqu problema għall-indafa pubblika. Hija tagħti s-setgħa lill-Gvern sabiex jispeċifika t-termini u l-kundizzjonijiet ta' din il-projbizzjoni, biex jiddefinixxi t-tip u l-karatteristiċi tal-pubblikazzjonijiet soġġetti għal din il-projbizzjoni kif ukoll il-metodu u l-post tad-distribuzzjoni jew l-abbandun tagħhom. Id-dispożizzjoni twitti t-triq għall-implimentazzjoni ta' waħda mis-60 miżura previsti fil-Pjan Reġjonali għall-Ġestjoni tal-iskart u r-Riżorsi (MEN 2), il-"Possibbiltà fil-futur li tiġi pprojbita d-distribuzzjoni tar-reklamar sakemm stiker 'Oui pub' ma titwaħħalx volontarjament mal-kaxxa postali, u b'attenzjoni partikolari għad-distribuzzjoni tar-reklamar f'bini ta' appartamenti".

Bħala tfakkira, id-distribuzzjoni ta' stampa u reklamar b'xejn fil-kaxxi postali attwalment hija awtorizzata mid-Digriet tat-22 ta' April 1999 dwar il-prevenzjoni u l-immaniġġjar ta' skart minn prodotti tal-karta u/jew tal-kartun ("Ordni dwar il-karti"), ħlief fil-każ ta' twaħħil volontarju ta' stiker "Stop-Pub". L-abbozz preliminari jippermetti lill-Gvern iżomm din is-sistema ta' "Stop Pub", jew ireġġa' lura l-loġika tagħha: jipprojbixxi d-distribuzzjoni ta' stampa u reklamar stampat b'xejn fil-kaxxi postali, ħlief fil-każ ta' twaħħil volontarju ta' stiker "Oui Pub".

L-għan tal-"Oui Pub" huwa li jitnaqqas l-iskart mill-pubblikazzjonijiet u jiġi evitat il-ħolqien ta' skart billi jiġi miġġieled il-konsum żejjed marbut mar-reklamar eċċessiv. Jekk ikun meħtieġ, il-Gvern jista' juża miżuri simili żviluppatti fir-Reġjun ta' Wallonia, fi Franja, f'Amsterdam u f'Montreal.



EUROPEAN COMMISSION

Directorate-General for Internal Market, Industry, Entrepreneurship and SMEs
Single Market Enforcement
Notification of Regulatory Barriers

Minħabba l-objettivi tal-abbozz preliminari, din l-awtorizzazzjoni hija inkluża fl-Ordni dwar l-iskart u mhux fl-Ordni dwar il-karti. Din tal-aħħar m'għadhiex aġġornata u se jkollha titħassar, sabiex eventwalment jiġi inkorporat Kapitolu ġdid dwar il-karti/kartun fil-Brudalex f'konsultazzjoni mas-settur. Sa dak iż-żmien, l-awtorizzazzjoni biex titwaqqaf sistema "Oui Pub" – stabbilita f'din l-emenda għall-Ordni dwar l-iskart – ser teżisti flimkien mal-awtorizzazzjoni biex tiġi introdotta s-sistema "Stop Pub" – prevista fl-Ordni dwar il-karti – sabiex jiġihalla f'idejn il-Gvern biex ifassal is-sistema xierqa.

10. Referenzi għat-testi bażiċi:

11. Le

12.

13. Le

14. LE

15. LE

16.

Aspett OTK: LE

Aspett SPS: LE

Il-Kummissjoni Ewropea

Direttiva tal-Pont ta' kuntatt (UE) 2015/1535

email: grow-dir2015-1535-central@ec.europa.eu